KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

13 ta' Mejju, 2010

LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM

Il-sebgha u ghoxrin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-*5.00 ta' wara nofs in-nhar.* Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

AGENDA

1. Talba
2. Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita' - Adoloxxenti Zabbar
5. Lokalitajiet Sostenibbli
6. ESF & ERDF
7. Tender - Photo voltaic
8. Materji ohra

Grazzi u tislijiet,

A. Cauchi

Amanda Cauchi
Seg. Ezekuttiv

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tas-sebgha w ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju 2010, fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

Noti:

- Din il-laqgha saret fit-18 t'April, u mhux fid-data aggornata mill-laqgha precedenti peress li s-segretarju ezekuttiv attendiet seminar Malta li habat f'dik il-gurnata.
- Is-Sur Stephen Mercieca wasal 23 –il minuta tard.

1. Talba – Wara li s-sindku qal talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Qabel inghatat bidu ghal-laqgha, f'isem il-Kunsill kollu, s-sindku wera' d-dispjacir tieghu ghat-telfa t'omm is-Sur Camilleri u ta l-kondoljanzi lill-familjari tas-sur Camilleri ghat-telfa t'ommhom.

3. Korrezzjoni tal-minuti:

   Paragrafu 4.9: Is-Sur Joe Camilleri stqarr li huwa kien zied ma dan is-suggett li l-kunsilliera kellhom ikunu nfurmati qabel intbaghtet r-risposta bl-avukat tal-Kunsill lis-Sinjura Galea. Is-sindku qal li peress li l-avukat tas-sinjura Galea kien ta zmien ta' jumejn biss biex il-kunsill jirrispondi, hu kien mar ghand l-avukat tal-kunsill, Georgine Grech bl-itra tas-sinjura Galea biex tirrispondi din l-ittra f'isem il-kunsill fiz-zmien stipulat. Is-sindku kompla jghid li l-kaz ghadu ghaddej, fejn issa l-kuntrattur li ghamel it-triq informa lill-*insurance* tieghu b'dan il-kaz.

   Paragrafu 7: Is-sur Joe Camillieri kkorega dan il-paragrafu fejn jghid li ghandna nibghatu ittra lis-Sur Silvio Rapa, fejn nitolbuh li jnehhi dawk il-planki li qeghdin ikunu t'ostaklu fuq il-belvedere. Huwa zied jghid li ma jaqbilx mal-Perit Scotto li x-xoghol ta' l-*extension* ma dahalx f'art tal-gvern. Kompla jghid li fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill kellu jaghmel pressjoni aktar biex jkollu f'idejh l-kejl tal-Belvedere. Is-sindku

rrispondih li bhala kunsill, kull ilment li dahal mir-residenti u l-kunsill fuq din il-kwistjoni, dejjem ressaq dawn l-ilmenti lid-Dipartiment koncernat ta' l-Artijiet. Il-kunsill ircieva wkoll risposta bil-miktub minghand il-perit inkarigat mil-kaz f' dan id-Dipartiment, fejn tghid li l-progett ma dahalx fl-art tal-Gvern. Is-Sindku qal lis-sur Camilleri li min irid jista jara l-korrispondenza kollha li saret bejn il-Kunsill u dan id-Dipartiment fuq dan is-suggett. Is-sindku qabel mas-Sur Camillieri li l-planki ghandhom jitnehhew u qal li kien ser jaghmel rapport lill-MEPA biex dawn jitnehhew kif ukoll issir tindifa mis-sid tal-lukanda ghaliex ma kienx xieraq li dawn jibqghu hemm sakemm jinhareg il-permess tal-*minor amendments* tal-progett.

4. Approvazzjoni tal-minuti:

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

5. Korrispondenza

   5.1. ***Prize day***: Din ser tinzamm nhar is-27 ta' Mejju f'nofsinhar. Il-kunsill kollu huwa mistieden biex jattendi. Is-sindku ssugerixxa li jinxtraw aktar kotba ghall-librerija halli nhajru aktar studenti jaqraw. Kullhadd qabel unanimament ma dan is-suggeriment. Is-sindku wkoll fakkar li ser jinghataw ir-rigali tal-kompetitzjoni tat-tpingija li kien organizza l-Kunsill f'Dicembru li ghadda mal-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem.

   5.2. ***Green MT***: Is-Sindku zvela li nhar il-Hamis, 20 ta' Mejju, ser issir laqgha mal-Green MT, fejn ser jigi ffirmat il-kuntratt ta' skart riciklat bhala regjun mal-kumpanija flimkien ma' ghaxar kunsilli Ghawdxin ohra

   5.3. ***Transport Malta***: Mera fit-Triq Pinto De Fonseca giet approvata.

   No-entry fit-Triq Chambray ma gietx approvata.

   5.4. ***Attivita' f'Kemmuna***: Is-Sindku qara l-permess li nhareg mill-GPD ghal-attivita' f''Kemmuna li ser tinvolvi madwar 45 il-persuna fit-8 ta' Mejju. Hawnekk, is-sindku qara d-*draft bye-law* li giet ippreparata mis-segretarju ezekuttiv biex ikun hemm xi tip ta' kontroll fl-attivitajiet fil-berah li jsiru f'Kemmuna. Din giet approvata min dawk prezenti.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

5.5. ***Memo 12/2010***: Inqrat korrispondenza li nbaghtet mill-Ufficju tal-Prim Ministru rigward l-applikazzjoni ta' 60 sigra taz-zebbug mill-Kunsill. Peress li t-talba min nahha tal-Kunsilli kienet wahda qawwija, l-Ufficcju tal-Prim Ministru ddecieda li johrog 2/3 ta' l-ispejjez, filwaqt li l-1/3 l-iehor jinhareg mill-kunsill. Dan jigifieri li l-Kunsill Lokali Ghajnsielem ihallas €2,004.00. Is-Sur Camilleri u s-Sur Mercieca ma qablux li jinxtraw dawn is-sigar mill-OPM peress li dawn jistghu jinxtraw bi prezz hafna inqas. Is-Sindku zvela li huwa kien saqsa ghal parir lis-Sur Bonello mill-Agrikultura t'Ghawdex u huwa qallu li l-prezz ta' sigra taz-Zebbug ftit kbira hija ta' madwar €70. Is-Sindku stqarr li ser jerga jiccekkja anke m' entitajiet ohra f'dan il-qasam biex igib aktar prezzijijiet fejn wiehed imbaghad ikun jista jaghzel l-aktar offerta vantagguza ghal-kunsill.

5.6. ***MEPA***: Is-Sindku spjega kif il-MEPA kienet qieghda tofri li persuna minn kull kunsill jkollha l-access ghal-permessi li jinhargu mil-MEPA, u xi nformazzjoni ohra. Dan l-access gie fdat f'idejn is-sindku peress li huwa l-aktar intiz mill-prezenti fl-affarijiet tal-MEPA. Il-prezenti qablu ma dan.

5.7. ***Gemellagg***: Is-Sindku spjega l-kancellazzjoni tal-vizita mir-residenti ta' Tolfa peress li l-lukanda Grand Hotel hi *fully-booked* ghal-dak il-perjodu.

5.8. ***Ghajn tal-Hasselin u l-arkata***: Il-Kunsill ircieva ittra mill-MEPA, fejn tghid li l-ahhar pjanti li l-perit baghat lill-MEPA fuq l-Ghajn tal-Hasselin, regghu ma gewx approvati mil-case officer peress li kien hemm xi affarijiet neqsin fuq id-disinn tal-faccata skond kif kienet originaljament. Is-sindku qal li kien diga informa lill-perit b'dan biex jissottometti pjanti godda u jibghathom malajr. Rigward il-progett ta' l-Arkata, is-sindku qal li kien informa lis-Sur Joseph Bonello, ufficjal inkarigat mill-Agrikultura f'Ghawdex biex jiehu hsieb li jaghmel rapport dettaljat fuq l-art ta-madwar ta' din l-arkata skond kif ordnat mill-MEPA.

5.9. ***Kontravenzjonijiet***: L-ammont ta kontravenzjonijiet min Jannar sa Marzu 2010 ammontaw ghal-valur ta' €831.81.

5.10. ***Skema ta' l-Ispizjar ta' l-ghazla tieghek***: Is-sur Peter Caruana ta spjegazzjoni ta' x'tinvolvi din l-iskema.

5.11. ***Il-papa Benedittu XVI f'Malta***: Il-kunsill iddecieda li jinxtraw zewg kotba min dan il-ktieb li jitratta d-diskorsi tal-Papa waqt il-vista f'Malta u jinghataw lil-librerija.

5.12. ***First and Last Bar***: Inqrat l-ittra fejn tghid li nghata l-permess mill-GPD biex jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem "First and Last Bar", fit-Triq l-Mgarr.

5.13. ***UIF Funds:*** Is-Sindku spjega kif il-quotation ta' l-*external flower pots* riedet tohrog bhala tender peress li l-ammont totali taghhom kien jaqbez €4,658, li hu l-limitu ghal-quotation. Il-quotations li ntghazlu min dawk prezenti fl-laqgha li saret apposta huma:

Fanali min ghand Insualtion Malta ghal prezz ta' € 334.058 il-wiehed.

Iron flower pots min ghand Anton Zarb ghal prezz ta' € 279.80 il-wiehed.

Bankijiet min ghand M Quip ghal prezz ta' € 920 il-wiehed.

Bins min ghand M Quip ghal prezz ta € 1394.76 il-wiehed.

5.14. ***Mepa:*** Inqraw l-applikazzjonijiet li nxtehtu fil-MEPA fuq zvilupp li ser isir fil-lokalita t'Ghajnsielem fiz-zmien li gej.

6. Photovoltaic System

Il-kunsill ircieva r-rapport evalwat mill-engineer Mr. Renzo Curmi ghat-*tenders* li gew offruti ghal din is-sistema. Inzammet laqgha mal-kunsilli kollha ikkoncernati fuq din it-tender fl-ufficju tal-kumitat kongunt tat-Tramuntata gewwa l-Qawra Malta, u gie deciz li t-tender ghandha tinghata lil-kumpanija Alberta b'option 2, fejn il-Kunsill Lokali Ghajnsielem ser jithallas €10,000 ghal-parti tieghu. L-engineer Curmi kien prezenti wkoll ghal din il-laqgha. Il-Kunsill qabel ma dan.

7. LN 119 ta' 2010

L-AKL ghaddiet lill-kunsill kollha kopja ta' kif inhu propost li ssir din il-ligi. Il-Kunsill qabel maghha. Is-Sur Peter Caruana issugerixxa li jibda jsir monti f'Ghajnsielem fejn irhula ohra li ghandhom dan juru bic-car kemm hu ta' success.

8. SEAP

Is-Sindku wera r-rapport mhejji mill-kumpanija Econing, u stieden lil kull min irid jaqrah, biex ikun jista jaghmel dan fl-ufficju tal-kunsill waqt il-hin tal-ftuh. Il-prezenti approvaw il-hlas ta' dan ir-rapport.

9. Bank f'Ghajnsielem

Is-Sur Camilleri rega gibed l-attenzjoni li jkun xieraq jekk jinfetah bank f'Ghajnsielem. Is-Sindku stqarr li kienu saru xi diskussjonijiet mal-banek ikkoncernati fil-passat, izda hadd ma wera nteress anzi xi bankijiet kienu diga ghalqu xi ferghat mill-irhula. Is-sindku qal li ghalmenu nistghu naghmlu talba ohra biex issir A.T.M.

10. Librerija

Is-Sindku spjega kif kien hemm bzonn li tinbidel il-pjanta tac-Centru Civiku li qieghed jinbena. Dan kellu jsir sabiex ikun hemm spazju kemm ghall-berga kif ukoll ghall-ghassa tal-pulizija peress li ma kienx intlahaq ftehim mal-Posta. Is-sindku qal li dan jista jsir biss kemm il-darba tigi l-approvazzjoni minn nahha tad-direttur ta' l-Edukazzjoni biex jittiehdu ma l-4 piedi mill-librerija ezistenti. Hu qal li l-ispazju ta' dawn l-4 piedi kienet ser tigi rikoverata peress li l-gholi tal-librerija kien kwazi ta' zewg sulari. Dan billi jsir passagg madwar il-librerija u tkun tista titla ghalih b'tarag fejn ikunu jistghu jitpoggew aktar kotba milli kien hemm qabel. Is-sindku spjega kif kienet ser issir laqgha bejn il-principal tal-kullegg t'Ghawdex, il-kap ta' l-iskola t'Ghajnsielem, huwa u s-segretarju ezekuttiv fuq il-post biex jintlahaq ftehim.

11. Attivita ta' Haz-Zabbar

Is-sindku qara ittra min ghand is-Sur Charles Vella, li flimkien ma 7 persuni ohra jmexxu grupp adolexxenti f'Haz-Zabbar. F'din l-ittra, huwa spjega l-intenzjoni li jorganizzaw *live-in weekend* f'Ghawdex, u li jixtiequ li jiltaqu ma adolexxenti mir-rahal t'Ghajnsielem biex ikunu jistghu jaqsmu idejat u esperjenzi taghhom.

Is-Sur Buttigieg issugerrixxa li l-kunsill jkellem lil Fr. Joe u Lelio Spiteri biex jiehdu hsieb li jlaqqa dawn l-adolexxenti. Il-Kunsill kollu qabel ma din l-idea u qablu wkoll li

jiprovdu t-transport ghal-dawn il-laqghat. Din l-attivita ghanda ssir fix-xahar t'Awwissu li gej.

12. ESF u ERDF

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser japplika ghal-programm ta' ESF, flimkien ma whud mill-kunsilli Ghawdxin. Kulhadd qabel ma dan.

Is-Sindku spjega wkoll li saret applikazzjoni ghal-programm ERDF, fejn issemmew ukoll il-kazin tal-banda u l-kazin tal-football ghaliex huma wkoll jistghu jippartecipaw bhala N.G.O. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lil-kazini ikkoncernati fejn nghidulhom bl-opportunita' u naraw humiex interessati. Dan il-programm jirrigwardja mezzi alternattivi t'energija.

13. Grinder

Il-kunsill qabel li jinxtara grinder ghall-uzu tal-Kunsill ghall-prezz ta €250.

14. Mistoqsijiet:

13.1 Is-Sur Peter Caruana:

- tisbir u knis ta' haxix fit-tarag ta' Lourdes
- titnaddaf grada fit-Triq Cordina, kantuniera ma' Triq l-Imgarr
- periklu tat-tarag fit-Triq l-Imgarr, li jaghti ghal-marina ta' l-Mgarr – Is-sindku qal li hu kien informa lis-C.M.U fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex b'dan il-periklu u gie nfurmat li dan ix-xoghol ser isir minn dan id-Dipartiment fl-iqsar zmien possibli. Il-pulizija kienet ukoll infurmata b'dan il-periklu.

13.2 Is-Sur Joseph Camilleri:

- Tarag ta' Lourdes fil-periklu – tinkiteb ittra lil-GPD biex nkunu nafu ta' min hi dik l-art li fuqa hemm it-tarag.
- Pjazza tal-Knisja Madonna ta' Loretu – sarx xi zvilupp f'din il-pjazza. - Is-sindku rrispondih li sa issa ghadu ma sar xejn ghax il-Ministru kienet ghadha ma haditx risposta minn ghand l-Arcipriet.
- Sigar li thawlu quddiem l-istitut ta' San Guzepp uhud minnhom kienu mietu – tinkiteb ittra lill-Agrikultura biex nafzawhom u jithawlu ohrajn flokhom.
- Il-Kunsill ghandu jaghmel reminder ohra biex Triq Cordina tinghata t-tarmac. – Is-sindku qal li ghanda tinkiteb reminder ohra lill-Ministru ghal-

Ghawdex fejn nindikaw li din it-triq hi ferm bzonnjuza ghax hi alternattiva ghal Triq Mgarr.
- Jinghata ktieb tal-klassi Year One. – Is-segretarju ezekuttiv irrispondiet li ser ticcekja u tara jekk dan il-ktieb kienx diga inxtara u tqassam.

13.3. Is-Sur Larry Buttigieg:
- Issugerrixxa li ssir tip ta' platform ta' l-injam fil-bajja tax-Xatt l-Ahmar biex ikun hemm post biex isiru xi attivitajiet fuqha mill-ghaqdiet. Sar suggeriment ukoll li issir patch tar-ramel, izda is-sindku mhux ta' l-opinjoni li jsir ramel peress li l-MEPA ma thallix isir dan it-tip ta-xoghol fuq bajjiet bil-blat. - Is-sindku ser jiccekkja u jara x'possibilitajiet hemm biex titranga salina.
- Issugerixxa li tinxtara bicca kanvas li tkun tista tintuza bhala tinda ghall-attivitajiet fil-berah. Huwa kompla jghid li din tkun investiment ta' darba u tkun tista' tintuza mill-ghaqdiet kollha. Is sur Mercieca hu ta' l-opinjoni li tixtrara tinda mill-ewwel. - Is-Sindku qabel mas-Sur Mercieca, biex l-ewwel niccekjaw kemm tiswa din it-tinda, u b'hekk tkun tista tintuza f'postijiet ohra.
- Hofor fit-Triq f'Pjazza Tolfa fil-kantunieri u fit-Triq Guseppi Cali . Is-sindku ssugerrixxa li jsir ftit cement ghaliex il-*cold asphalti* ma jzommx.
- Problema tad-drenagg fix-Xatt l-Ahmar. – Is-sindku qal li wara li kien ghamel kuntatt ma l-ingineer inkarigat xi xahar qabel fuq din il-problema, dan kien ha l-prekawzjonijiet kollha biex ma jfurx aktar id-drenagg ghal gol-bajja u sal gurnata tal-lum ma kienx hemm aktar rapporti fuq hekk.

13.4. Is-Sur Stephen Mercieca
- Terga tithawwel is-sigra fil-Pjazza Madonna ta' Loreto ghaliex tqactet bir-rih. Il-prezenti qablu li din ma ssirx ghalissa peress li din kienet art privata.
- Fanali f'Pjazza tad-Dehra jixghelu bla bzonn matul il-gurnata. Is-Sur Camilleri issugerrixxa li jsiru solar. Is-sindku spjega li dawk il-fanali jahdmu bis-sensors, izda dawn m'humiex jahdmu tajjeb. Il-kuntrattur ga jaf bihom u ser jara biex jigu ghan normal. Is-sindku qal li dawn il-fanali flimkien mal-bankijiet ghandom jinzabhu mil-gdid u jitranga l-fanal tal-monument.

Il-laqgha ntemmet fit-8.20pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 10 ta' Gunju 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt